ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 2

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IS-SEBA' SENA IL-MALTI (L-ORAL) KARTA 1

IL-KARTA TAL-ISTUDENT

1A: Il-Qari Mgħajjat: It-Test Letterarju 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra parti minn din is-silta. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.

Is-silta: Id-driller bil-ħsara

Ċempel il-bieb. Mar jiftaħ Robert għax missieru kien mehdi mal-qsari fil-ġnien. Kien Pawlu l-bajjad.

"Mur staqsi ftit lil missierek jekk jistax jislifni d-driller."

Robert mar jiġri fil-ġnien u qal lil missieru.

"Eh iva?! U dan kif sar jaf li għandi driller tal-elettriku? Insomma, mur għidlu li ma nistax nislifhulu għax bil-ħsara."

Pawlu tfantas għar-risposta ta' Robert u kellu jitlaq b'idu f'idu. Nofs siegħa wara reġa' ħabbat il-bieb u did-darba kien is-Sur Micallef.

"Robert għal li jista' jkun ma tistax tgħid lill-papà jislifni ftit id-driller hux?" Robert mal-ewwel qallu li d-driller bil-ħsara.

Kif kienu waqt l-ikel missier Robert beda jgerger ma' martu:

"Tassew kemm hawn min hu wiċċu tost. Mur isilfu d-driller ħej! Mela l-għodda tislifha? L-oġġett li tislef joħroġ jidħak u jidħol jibki!"

Robert qallu li kien ġie s-Sur Micallef għalih ukoll.

"U int x'għedtlu?"

"X'ridtni ngħidlu pa? Għedtlu li għidt lil Pawlu l-Bajjad: li d-driller kien bil-ħsara."

Missieru rrabja u qallu "Għaliex qbadt u għedtlu hekk? Billi nislef id-driller lil Pawlu l-bajjad mhu se niggwadanja xejn, iżda s-Sur Micallef mod ieħor. Dak dejjem jaqbilli nitħabbeb miegħu għax pjaċir ipattihuli. Kieku sliftu d-driller kien jaqbad żewġ pjanti u jagħtihomli. Darb'oħra ħaddem moħħok u tkunx prużuntuż!"

(silta addattata minn *Stejjer għad-Diskussjoni* ta' Carmel G. Cauchi, 1996)

1B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti fuq KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni mal-eżamintur. Tista' tikkwota mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. Minn dak li qrajt, ikkummenta fuq l-attitudni tal-missier ta' kif iħares lejn nies oħra.

2. Taħseb li rraġuna tajjeb Robert? Għaliex?

3. X'tikkummenta dwar il-qawl, "L-oġġett li tislef joħroġ jidħak u jidħol jibki"?

4. X'messaġġ taħseb li ried iwassal l-awtur mill-istorja?

5. Li kieku kont fil-pożizzjoni tal-missier, x'kont tagħmel?

1Ċ: It-Taħdit: Diskussjoni dwar Tema 4 minuti / 5 marki

Ir-rispett lejn kulħadd mingħajr ma nistenna xejn lura

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Mal-eżaminatur ser tiddiskuti t-tema li tidher hawn fuq. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt li tiddiskuti t-tema. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-argument tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.